**Kunsill Lokali Marsaskala**
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 13**

**It-Tnejn 15 ta' Ġunju 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

13.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qata l-korrispondenza mibgħuta mil-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon talbet li tkun skużata għal din il-laqgħa.

13.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 12 li saret nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2020:***

13.2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri talab sabiex paġna 4 ir-raba paragrafu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jsiba bi tqila sabiex jawtorizza xi ħaġa bħal din u jekk il-Kunsill jiddeċiedi li din issir u l-MTA jew TM jieħdu r-responsabbilita' huwa jaċetta. Issuġerixxa wkoll li illi nċedu biss il-1.5metres li suppost jitħalla bħala passaġġ sabiex jitpoġġew l-imwejjed u siġġijiet u minflokk tintuza l-promenade b'mod temporanju sakemm tgħaddi l-kriżi.*

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

13.2.2 **Matters arising:**

Ma kienx hemm *matters arising.*

13.3 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

13.3.1 **Rapport ta' Inċident fi Triq tal-Gardiel LOR519:**

Is-Sindku preżenta talab għal rifużjoni ta' €118.00 fi ħsara li ġarbet fil-vettura s-Sinjura Cutajar fi Triq tal-Gardiel.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitħalsu 70% tal-ħsara li jammonta għal €82.60.

13.3.2 **Log book recors taż-żewġ vetturi tal-Kunsill:**

Is-Sindku preżenta l-log book tal-vettura CBX 302 mis-17 ta' Frar 2020 sas-6 ta' Ġunju 2020 u l-log book tal-vettura KLM 035 mis-17 ta' Frar 2020 sal-31 ta' Mejju 2020.

13.3.3 **Ittra mill-Propjetarja tal-Bini tal-Kunsill rigward il-kiri (35/1733/20/I):**

Is-Sindku preżenta ittra mingħand is-Sinjura Ursula Greenland il-propjetarja tal-uffiċini tal-Kunsill fejn qed ittina sitt xhur notice tal-propjeta li qed jikri il-Kunsill bħala uffiċċju. Huwa kompla jgħid illi fl-istess ittra hemm ukoll li għalkemm qed tibgħatilna n-*notice* xorta jista jkun hemm arranġamenti sabiex nestendu iż-żmien.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irridu niffukaw biss fuq il-bini tal Kunsill, għax il-Kunsill irid jagħmel l-almu biex jitlesta l-Kunsill fl-iqsar żmien possibli.

13.4 ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

13.5 ***Rapporti:***

13.5.1 ***Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2020/01 Tender for Street Sweeping using a low emission aservice vehicle Marsaskala Local Council:***

Il-bord ma laħaqx għamel l-aġġudikazzjoni ta' dan it-tender u għaldaqstant ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

13.5.2 ***Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2/2020 Road Maintenance and patching works of access and access only roads Marsaskala Local Council:***

Il-bord ma laħaqx għamel l-aġġudikazzjoni ta' dan it-tender u għaldaqstant ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud għamel kkolegament mal-laqgħa fil-5.30pm***

13.6 ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra.

13.7 ***Korrispondenza:***

13.7.1 **Risposta tal-Management letter għas-sena 2019:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega in-nuqqasijiet li kien hemm fil-management letter għas-sena 2019 fejn qal li kien hemm ftit u ppreżenta ir-risposta tal-*management letter* liema risposta ġiet approvata mil-Kunsill.

13.7.2 **Notice of termination lease Council Premises Triq is-Salini:**

Din il-materja ġiet diskussa f'punt 13.3.3

13.7.3 **Quote from Nexos Street Lighting:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camiller qal illi d-dawl ornamentali tal-*village core* kellu jinqasam f'żewħ fażijiet li jsiru parti fis-sena 2020 u ohra fis-sena 2021. Huwa kompla jispjega li dawn jridu jinbidlu fi Triq iż-Żonqor u Triq San Ġorġ. Huwa kompa jispjega illi kull fanal ornamentali jiswa €980 inkluż il-vat u jekk l-istess fanal jsir bl-led ser jiswa €1026 inkluż il-vat. Huwa kompla jgħid li hemm madwar 15 il-fanal oħor x'jitwaħħal.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba d-*direct order* ma jistax jinxtraw iktar minn f'€5000.00 fis-sena eskluż il-vat. Huwa kompla jgħid illi f'dan il-każ jridu jinqasmu fuq medda ta' tlett snin.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jixtraw dawn il-fanali li huma bl-led u għanda issir laqgħa mar-rappreżentant tan-Nexos sabiex jitkelmu kif ser jitqassam ix-xiri ta' dawn il-fanali.

13.7.4 **Defibrillator Fund (35/1690/20/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-*Friends of Marsaskala* ġabru is-somma ta' €2200 sabiex jinxtara *defibrillator* u jiġi donat lil-Kunsill. Huwa kompla jgħid li dan għandu jitpoġġa fil-qalba tal-lokal sabiex f'każ ta' emerġenza jkun jista jintuża. Huwa qal li l-idejali jsir ħdejn il-latrina ta' taħt il-Knsija u ħdejn il-bini il-ġdid tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta li jsir *defibrillator* u l-manutenzjoni kull sena issir min-naħa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha mat-*Technoline* li hija il-kumpanija li ser tipprovdi dan id-*defibrillator*.

13.7.5 **Cir AKL 2020/063 Ġbir ta' Skart Riċiklabbli (35/1688/20/I):**

Is-Sindku qal li qabel ma tiġi diskussa din il-materja jixtieq jinforma lil-Kunsilliera illi l-*bring in site* li hemm faċċata tal-*Waterline* fi Triq is-Salini ser jitneħħew u jiġu rilokati f'post iktar adekwat għaliex qed jkun hemm ħafna abbużi fejn jinsabu fil-preżent.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-*bring in site* li hemm fi Triq is-Salini ħdejn il-Kunsill għandhom jiġu rilokati ukoll.

Il-Kunsill qabel li jitpoġġew ħdejn dawk li hemm ħdejn l-eks Jerma Palace Hotel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li diversi Kunsilli qed jkollom problemi kemm mal-Green Pak kif ukoll mal-Green Mt rigward l-iskart riċiklatt, l-Kunsill qed jingħataw l-opportunita` li l-iskart riċiklatt jiġi immeniġjat mill-Kumitat Reġjonali flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex dan is-servizz jibda jieħdu ħsibu r-reġjun.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

13.7.6 ***Proposal for training Courses in Robotica and online coding this summer (35/1685/20/I):***

Is-Sindku qal illi TCTC qed jipproponu sabiex isiru il-korsijiet tar-*robotica* u l-*online coding* għas-sajf.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jsiru dawn il-korsijiet.

13.7.7 ***Parkeġġ tal-iskolal ġdida Marsaskala (35/1673/20/I):***

Is-Sindku qal illi s-Sur Michael Mifsud fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni talab sabiex nibgħatlu l-proposti li l-Kunsill għamel għal użu tal-parkeġġ fl-iskola il-ġdida ta' Marsaskala ta' Triq il-Lampuka

Il-Kunsill qabel li nibgħatu l-proposti li l-Kunsill kien bgħat lil Prinċipal lis-Sur George Psaila.

13.7.8 ***Sanitisation of Public conveniences close to Bathing Areas (35/1685/20/I):***

Is-Sindku qal illi fi żmien l-pandemija il-Departiment tal-*cleansing* kienu għamlu fumigazzjoni tal-latrini tal-lokal.

13.7.9 ***Klejm tal-vettura fi Triq id-Daħla ta' San Tumas:***

Is-Sur Agostino Schembri qed jitlob klejn fuq il-ħsara tal-karozza CBS562 minħabba ċint li waqa fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. Is-Sur Schembri qed jallega illi ċ-ċint waqgħa wara li ddajjef minħabba li saret il-bankina. L-isipiża tammonta għal €315.92

Il-Kunsillier is-Sur John. B. Camilleri qal li li kieku minħabba l-bankina, fil-verita iċ-ċint jissaħħaħ iktar bil-bankina li saret u mhux jiddajef.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din ir-rifużjoni ma tingħatax għax mhux responsabilta` tal-Kunsill għaliex iċ-ċint huwa ta' terzi persuni.

13.7.10 ***Art Privata fi Ġnien Charles (35/1544/20/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-lands infurmawna illi Dr Phyllis Aquilina għan nom tal-klijenti tagħa Lay Lay Company Ltd qed jgħidu illi parti minn Ġnien Charles Clews hija propjeta tal-LayLay Company Ltd u għaldaqstant il-Lands Authoriy qed jistaqsu lil kunsill jekk għandux intenzjoni li jgħamel expropriation tal-area in kwistjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Perit Schembri jiċċekkja fuqha u nibgħatu lill-Perit id-dokumenti bl-email.

13.8 ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta'pagamenti:***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta pagamenti li daħlu tard sabiex jitħalsu:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont € |
|---|---|---|---|
| Annalise Farrugia | Public Convenience | 20.6 | 1781.27 |
| JV Meli | Bulbs | INV185007 | 447.38 |
| Bitmac | Instant Road Repair | INV41081 | 226.40 |
| Bitmac | Instant Road Repair | INV40891 | 226.40 |

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

13.9 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku is-Sur Mario Calleja issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#042 – 29/5/20):**

*"Jipproponi li wara li waħħalna l-bollards faċċata ta' Hasta La Vista l-karozza qed jipparkjaw xorta quddiem il-bollard fejn qed jikkaġunaw iktar periklu u għaldaqstant għanda issir camera sabiex jinqatgħu l-abbużi."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lil TMalta sabiex jgħamlu il-cameras min-naħa tagħom u jieħdu ħsiebhom huma.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli u l-Kunsillier Dr. Errol Cutajar daħlu għal laqgħa fis-6.10pm***

- Is-Sindku qal illi tkellem mas Sur David Sammut tal-kumpanija Gardania Ltd fejn qal illi dawn jgħamlu servizz li jixxepjaw is-siġar ġo forom ta' annimali u affarijiet oħra.

  Il-Kunsill qabel illi jkomplu isir id-diskussjonijiet magħhom.

- Il-Kunsillier is-Sinjora Mary Rose Mifsud infurmat lil kunsillier illi l-attivita tal-*hybrid bus* li saret min-naħa ta' *Festivals Malta* kienet suċċess.

- **Is-Sindku qal illi kien hemm fil-midja propsoti tal-Jerma Palace Hotel.**

  Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li kien hemm li ser titnaqqas l-*floor space* tal-bini,

  Is-Sindku qal illi fid-*development brief* kien hemm area ta 100,00 sq metri kwadri diġa naqqsuha gla- 65,000 sq mtr. Huwa kompla jgħid illi l-importanti huwa l-għoli li ser jibnu.

  Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal ukoll li kien hemm illi l-area residenzjali tal-villel tinbidel ukoll.

  Is-Sidnku qal li fuq din il-materja diġa kien hemm petizzjoni mir-residenti tal-villel.

  Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lil PA u nzommu l-istess pożizzjoni li kien ħa diġa l-Kunsill.

- Il-Kunsillier is-Sur John B. Camiller li fadal madwar 3 poles ornamentali fi Triq iż-Żonqor li għad fadlilhom isirilhom manutenzjoni u dawn qedgħin bejn Triq il-Blajjiet saż-Żonqor point. Huwa kompla jispjega illi saru ħafna manutenzjoni fi żmien tal-pandemija speċjalment fi Ġnien San Tumas.

13.10 **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-6.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020 fil-5.00pm.

Ikkonfermat illum 15 ta' Ġunju 2020.

________________ ________________

**Josef Grech** **Mario Calleja**
Segretarju Ezekuttiv Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 13- is-Seba Leġislatura.**